**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 410 /2016**

**WP**

**vs**

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**Seduta tal-11 t'April, 2017**

**L-Arbitru**

**Ra l-ilment** fejn fil-qosor l-ilmentatrici tghid li fit-2 ta' Marzu 2016, iddecidiet li tbiegh investiment fl-*MSG* permezz ta' *MedBank CHARTS* imma dawn qalulha li dak l-investiment kien iffrizat u ma setax jigi mibjugh. Ikkonfermawlha li dan l-investiment baqa ffrizat sat 3 ta' Marzu 2016.

Hija ssostni li suppost ma kienx baqa' ffrizat sat-2 ta' Frar 2016. Meta marret il-*BOV branch* ta' San Gwann hija inghatat informazzjoni falza meta qalulha li l-investiment taghha kien rilaxxat fit-2 ta' Frar 2016.

Il-*Malta Stock Exchange* ikkonfermat li sat-3 ta' Marzu 2016, l-investiment kien ghadu jimmarka li jista' jigi nnegozjat mill-*BOV.*

Mhux minnu li zewg *stockbrokers* jikkuntattjaw lil xulxin ghaliex, waqt it-*trading,* dawn jibqghu anonimi.

Hija ssostni li ghandha tinghata kumpens mill-Arbitru ghal: '*economic loss; denial of access to my own funds*; *shock/distress*; *false information; negligence; illegal use of my money; misleading reply*.'

**Ra r-risposta tal-*Bank of Valletta p.l.c.* li tghid:**

Illi l-ilmentatrici ma sofriet l-ebda danni mill-bejgh tal-€45,000 2.3 *MGS* 2029 peress li dawn inbieghu bl-aktar prezz vantaggjuz u dan l-ilment huwa frivolu u vessatorju;

Illi huwa minnu li l-*BOV* kien inghata struzzjonijiet biex ibiegh dan l-investiment bi struzzjonijiet tat-2 ta' Dicembru 2015, bil-prezz ta' mhux anqas minn €110.50, u dawn l-istruzzjonijiet kienu jestendu sat-2 ta' Frar 2016. Bhalma jigri dejjem, il-*BOV* irregistra *expression of interest* mal-Borza sabiex dak il-bejgh jigi identifikat mieghu bhala *broker*. Hija l-prassi li jekk, sussegwentement, jigi identifikat *broker* iehor mill-istess klijent, dan il-*broker* jaghmel il-verifiki mal-Borza u, qabel ma t-tieni *broker* idahhal l-*expression of interest* tieghu, jikkuntattja lill-ewwel *broker* sabiex tigi stabbilita l-prijorita` legittima.

**L-Arbitru**

**Ra d-dokumenti esebiti**

**Sema' x-xhieda u t-trattazzjoni orali tal-partijiet**

**Jikkonsidra:**

**Il-Fatti tal-Kaz**

Il-kaz jittratta dwar struzzjonijiet li tat l-ilmentatrici lill-*Bank of Valletta p.l.c. (BOV)* fit-2 ta' Dicembru 2015, sabiex ibieghilha *stock* ta' €45,000 bil-prezz ta' mhux anqas minn €110.50, u dakinhar il-prezz tas-suq kien ta' €107.20. Dawn l-istruzzjonijiet tal-bejgh kienu jestendu sat-2 ta' Frar 2016.

L-ilmentatrici iddecidiet li tbiegh dan l-i*stock* permezz ta' *broker* iehor u, cioe`, *MedBank CHARTS* fit-2 ta' Marzu 2016. Huwa pacifikament maqbul li bejn it-2 ta' Frar 2016, meta kienu ghalqu l-istruzzjonijiet lill-*BOV* sat-2 ta' Marzu 2016, ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni bejn il-*BOV* u l-ilmentatrici.

Meta ppruvat tbiegh l-i*stock* fit-2 ta' Marzu 2016, *CHARTS* qalu lill-ilmentatrici li l-i*stock* kien ghadu imblukkat ghaliex l-*expression of interest* mill-*BOV* kienet ghadha registrata mal-Borza ta' Malta u t-tranzazzjoni m'ghaddietx.

Il-B*OV* gie nfurmat l-ghada b'dan u, dakinhar stess, cioe` fit-3 ta' Marzu 2016, nehha l-*expression of interest* u permezz tac-*CHARTS*, l-ilmentatrici bieghet l-istess *stock* l-ghada, l-4 ta' Marzu 2016.

Jirrizulta lill-Arbitru, minn dokumenti esebiti a fol 50, li l-prezz li seta' jinbiegh l-i*stock* fit-2 ta' Marzu 2016, kien bil-prezz ta' €107.55, u meta effettivament inbiegh fl-4 ta' Marzu 2016, gab prezz oghla ta' €107.62.

**Jikkunsidra**

Illi m'hemm l-ebda kontestazzjoni li l-istruzzjonijiet li kellu l-*BOV* kellhom jiskadu fit-2 ta' Frar 2016. Pero`, sat-3 ta' Marzu 2016, kien ghad hemm *expression of interest* mill-*BOV* mal-Borza ta' Malta. Bejn it-2 ta' Frar 2016 u meta nbiegh l-investiment fl-4 ta' Marzu 2016, il-prezz ta' dan l-i*stock* qatt ma lahaq il-prezz li kienet ippretendiet l-ilmentatrici, jigifieri ta' €110.50 u, ghalhekk, il-*BOV* baqa' ma bieghux.

Jirrizulta wkoll li meta l-ilmentatrici tat struzzjonijiet lill-i*stockbroker* il-gdid fit-2 ta' Marzu 2016, il-prezz li seta' jgib kien ta' €107.55. Meta gie infurmat l-ghada, il-*BOV* nehha l-*expression of interest* tieghu u l-i*stockbroker* il-gdid biegh l-i*stock* fl-4 ta' Marzu 2016, bil-prezz ta' €107.62, li kif xehdet l-istess ilmentatrici[1]:

'*Nghid li meta mort ghand CHARTS fit-2 ta' Marzu 2016, ma setghux jinbieghu ghax kienu frozen. Meta imbaghad bieghejthom fl-4 ta' Marzu 2016, permezz tac-CHARTS, il-prezz kien oghla mit-2 ta' Marzu 2016. Nghid li naqbel li nbieghu bi prezz oghla milli fit-2 ta' Marzu 2016.'*

L-ilmentatrici ma sofriet l-ebda dannu pekunjarju. Fix-xhieda taghha kienet xi ftit inkonsistenti ghaliex l-ewwel tghid li riedet tbieghhom mhux ghax kellha bzonn il-flus imma ghax riedet isserrah rasha u titfaghhom fil-kont bankarju li kellha:

'*Nghid li finalment l-istocks tal-Gvern bieghejthom bl-iskop li l-flus jidhlu fil-kont tieghi biex inserrah rasi. Ma kellix ghalfejn inbiegh.'*[2]

---

[1] A fol 70
[2] Ibid

Aktar tard tixhed hekk:

'*Nikkonferma li xtaqt inbieghhom fit fit-2 ta' Marzu 2016, ghax dik il-gurnata kelli bzonn il-flus.'*[3]

L-Arbitru jhoss li x-xhieda tal-ilmentatrici mhix affidabbli f'dan ir-rigward u, jidher car, li xehdet kif xehdet biex, akkost ta' kollox, tipprova tiehu rimedju kumpensattiv.

Min-naha tieghu, il-Bank issottometta li kien veru li ma kienx nehha l-*expression of interest* fit-2 ta' Frar 2016, pero` din kienet prassi li ssir mill-i*stockbrokers* kollha u donnu kien hemm ftehim tacitu bejn l-i*stockbrokers* li meta jidhol *stockbroker* gdid, dan jikkuntattja lil ta' qablu u t-tranzazzjoni ssir xorta wahda mit-tieni *stockbroker.*

Il-Bank xehed ukoll li, kif gie ikkuntattjat, mill-ewwel nehha l-*expression of interest* tieghu, u effettivament, l-ilmentatrici kienet iggwadanjat u mhux tilfet mill-ezitu.[4]

Pero`, l-Arbitru jifhem sa certu punt l-ilment tal-ilmentatrici meta fis-sottomissjonijiet orali taghha qalet li hi kienet tippretendi li, galadarba hija kienet tat struzzjonijiet lil *BOV* li kellhom jiskadu fit-2 ta' Frar 2016, hu kellu jimxi mal-istruzzjonijiet taghha.

Hija tghid li fost ragunijiet ohra li riedet kumpens kien hemm dak li sejhet *'economic cost'*. Fir-realta`, l-ilmentatrici ma rnexxilhiex tipprova li kellha xi '*economic cost'*, ghaliex hi ma tilfet xejn: anzi, iggwadanjat. Kien ikollha '*economic cost'* kieku tilfet mill-i*stock* minhabba li l-*BOV* ma nehhiex l-*expression of interest* tieghu; jew kieku ppruvat li riedet tuza flusha biex taghmel xi tranzazzjoni li kienet thallilha l-flus u tilfet il-flus ghaliex ma setghetx taghmel din it-tranzazzjoni. Fir-rigward ghalfejn riedet tbiegh l-i*stock* fit-2 ta' Marzu 2016, l-ilmentatrici hija kontradittorja kif diga` gie spjegat f'din id-decizjoni.

[3] Ibid.
[4] A fol 71

L-ilmentatrici ma rnexxilhiex tipprova lanqas li giet imcahhda mill-access ghall-flusha ghaliex ma tat l-ebda prova li hija kienet ikkuntattjat il-Bank biex hija tirtira jew tizblokka l-i*stock* li kellha u l-Bank irrifjuta li jaghmel dan. Meta gie infurmat fit-3 ta' Marzu 2016, li haddiehor ried ibiegh l-i*stock* taghha, il-Bank nehha l-*expression of interest* tieghu immedjatament.

Dwar dak li allegat l-ilmentatrici, li hija kellha *shock* jew *distress* minhabba l-atteggjament tal-Bank, l-Arbitru jhoss li l-ilmentatrici ma gabet l-ebda prova tangibbli, bhal xi certifikat ta' tabib jew psikologu li juri li l-atteggjament tal-Bank kien wassal biex l-ilmentatrici ssofri xi trawma psikologika. Ikun perikoluz li l-Arbitru jaghti danni morali fuq sempliciment dikjarazzjoni.

L-ilmentatrici qieghda titlob kumpens pekunjarju wkoll ghaliex tghid li l-Bank kien taha informazzjoni falza.

L-unika prova li ghandu l-Arbitru hija dik li meta l-Bank kien gie ikkuntattjat fit-3 ta' Marzu 2016, il-Bank kien iddikjara li kien ghadu jzomm l-*expression of interest* u li fil-fatt nehhiha dakinhar stess.

L-ilmentatrici stess tghid illi meta marret il-*Branch* ta' San Gwann fit-2 ta' Marzu, qalulha li dak il-hin ma setghux jaghtuha taghrif u kellha taghmel appuntament ghall-ghada biex ikunu jistghu jaqduha. Jigifieri l-unika informazzjoni li inghatat kien fit-3 ta' Marzu 2016, liema informazzjoni tirrizulta li hi korretta.

L-ahhar lenjanza tal-ilmentatrici hija l-allegata negligenza mill-*BOV.* Huwa minnu li l-*BOV* ma nehhiex l-*expression of interest* kif skadew l-istruzzjonijiet fit-2 ta' Frar 2016, imma mhemmx prova li dan sar b'xi negligenza. Il-Bank jinsisti li hu kien miexi ma' prattika li juzaw l-i*stockbrokers:* li jnehhu l-*expression of interest* meta normalment jikkuntattjahom *stockbroker* iehor.

L-Arbitru ghandu certi riservi ghal din il-prassi ghaliex tista' twassal ghal dannu lill-klijenti imma, f'dan il-kaz, l-ilmentatrici ma sofriet l-ebda dannu.

Lanqas ma jirrizulta li l-*BOV* ghamel *'illegal use of money'*. Il-fatt li halla l-*expression of interest* vigenti ma jfissirx li l-Bank, b'xi mod, uza l-flus tal-ilmentatrici.

Dwar l-ahhar ilment, jigifieri li l-Bank kien taha '*misleading reply'*, l-Arbitru ma inghata l-ebda prova tangibbli mill-ilmentatrici ta' dan. Hemm biss l-asserzjoni taghha li kienu qalulha li l-i*stock* ma kienx *frozen* u fil-fatt kien.

L-Arbitru ra certa inkonsistenza fix-xhieda tal-ilmentatrici u ghalhekk ma jistax jistrieh biss fuq l-allegazzjoni taghha dwar dan. Mill-assjem tal-provi esebiti, l-Arbitru jasal ghall-konkluzjoni li l-Bank kien dejjem konsistenti meta fit-3 ta' Marzu 2016, ammetta li l-i*stocks* kien ghadhom taht l-*expression of interest* taghhom u nehha dik l-*expression of interest* immedjatament. Ma kien hemm xejn *misleading* f'dan.

Ghal dawn il-mottivi, filwaqt li l-Arbitru jiddeciedi li l-*expression of interest* kellha titnehha mill-provditur tas-servizz fit-2 ta' Frar 2016, meta skada l-mandat moghti lilu mill-ilmentatrici; pero` l-ilmentatrici ma sofriet l-ebda dannu, anzi fit-tranzazzjoni li saret fl-4 ta' Marzu 2016, hija ghamlet gwadann u mhux telf. Hija ma sofriet l-ebda dannu iehor.

Ghalhekk l-Arbitru ma jistax jaghti rimedju kumpensattiv.

Kull parti ghandha ggorr l-ispejjez taghha.

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizz Finanzjarji